KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tas-sitt (06) Laqgħa tas-Seba' (07) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Erbgħa, 23 ta' Mejju, 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sur Mario Salerno (Sindku) | 5.35p.m. | 8.48p.m. |
| Is-Sur Alex Bezzina (Vici-Sindku) | 5.30p.m. | 8.48p.m. |
| Il-Perit Graziella Galea | 5.30p.m. | 8.48p.m. |
| Is-Sur John Bray | Skużat | Marid |
| Is-Sur Raymond Tabone | 5.30p.m. | 8.48p.m. |
| Is-Sna Mandy Buhagiar | 6.05p.m. | 8.48p.m. |
| Is-Sur Peter Abela | 5.46p.m. | 8.48p.m. |
| Is-Sur Jason Camilleri | 5.30p.m. | 8.07p.m. |
| L-Avukat Robert Anthony Piscopo | 5.30p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sna Anne Marie Fenech | 5.30p.m. | 9.10p.m. |
| Il-Perit Daniel Grima | 5.35p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sur Jane Chircop | 5.35p.m. | 9.10p.m. |
| Is-Sna Carmel Hili | 5.30p.m. | 9.10p.m. |

Iċ-Ċerpersin tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, is-Sur Ray Bartolo kien pereżenti għal-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-5.45p.m.



indku : Mario Salerno
iċi Sindku : Alexander Bezzina
unsilliera : Graziella Galea, John Bray, Raymond Tabone, Mandy Buħaġiar, Peter Abela, Jason Camilleri, Robert Piscopo,
nne Marie Fenech, Daniel Grima, Jane Chircop, Carmel Hili
ġent Segretarju Eżekuttiv : George Abdilla

**1.0 Qari u Approvazjoni tal-Minuti tat-2,3,4 u 5 Laqgħat tas-Seba' Kunsill.**

Il-minuti tal-Laqgħat numru 2, 3, 4 u 5 kienu ntbagħtu qabel u għalhekk ġew meħuda bħala moqrija u ġew approvati unanimament b'dawn l-emendi:

1.01 Ġew entrati żewġ ħinijiet tal-ħruġ li kienu nieqsa fil-Minuti Nru. 3 tat-13 ta' April, 2012.
1.02 Ġew miżjuda il-kliem **"ftit minuti qabel bdew l-intervisti"** f'*item* 2.02 tal-istess minuti Nru.3 wara il-kliem **"tard wisq"**.
**1.03** Ġew miżjuda il-kliem **"liema emendi kienu mitluba mill-PPCD"** f'item 2.04 tal-istess minuti wara il-kliem ***"emendi li kienu saru"***.
**1.04** Żdiedet sentenza **"Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li ma kienx hemm bżonn li Graziella Galea tiddikjara konflitt ta' Interess."** fl-aħħar tal-ewwel paragrafu tal-*item* 4.02 tal-istess minuti tat-tielet Laqgħa.
**1.05** Żdiedu l-kliem **"u anke għajjat żejjed min min ikun qed iċempel"** fl-aħħar tat-tieni paragrafu tal-*item* 12.01 tal-minuti Nru.5 tat 8 ta'Mejju, 2012.

**2.00 Punti Mqajma mill-Minuti.**

**2.01** Dwar *item* numru 1.01 tat-Tieni Laqgħa tat-13 ta' April, 2012 – Il-Każ ta' Casa Serena- Il-Kunsillier il-Perit Graziella Galea spjegat il-każ kollu kif kien ġara sa issa u l-fatt li l-pulizija kienu ressqu lill-propjetarji ta' Casa Serena il-Qorti tal-Kriminal iżda dawn ħarġu lliberati u s-sentenza kienet tgħid li l-Kunsill għandu jagħmel it-tiswijiet meħtieġa. Il-parir tal-Avukat tal-Kunsill kien li l-Kunsill għandu issa jiftaħ kawża fil-Qorti taċ-Ċivil sabiex ifittex lill-propjetarji ta' Casa Serena għal-ispejjeż li jagħmel il-Kunsill. Is-Sindku, s-Sur Mario Salerno qal li huwa kien inkariga lill-Kunsillier Peter Abela sabiex dan jitkellem mal-propjetarji u jirraporta lura lill-Kunsill. Dan sa issa kien għadu ma sarx.

**2.02** Dwar item numru10 tal-Ħames Laqgħa – Talbiet għall-Estensjoni ta' Bankini - Il-Kunsillier, il-Perit Daniel Grima, informa li huwa ma kienx jista' jifforma parti minn dan il-Kumitat minħabba konflitt ta' interess.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet.**

Ġiet ippreżentata l-lista annessa ta' korrispondenza u dawn ġew deċiżi kif jidher fil-lista.

3.01 Dwar l-ewwel ittra li ġiet mingħand is-Sur Andrew Ċiantar fejn dan talab li jitħallas għal *drinks* li huwa kien ta' mill-*bar* tal-każin tal-PN lill-bandisti tal-Guggen Band u t-tfal żeffiena ta' Phelicienne Brincat fl-okkażjoni tal-Karnival, is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien irriżulta li dan is-Sur Ċiantar kien għamel speċi ta' *open bar* u baqa għaddej jqassam *drinks* lill kull min kien preżenti fil-każin anke wara li kienu telqu il-bandisti tal-Guggen Band u għalhekk il-kont kien tela' għal somma kbira li huwa bħala Segretarju Eżekuttiv kif ukoll l-ex-Sindku, il-Perit Graziella Galea, ma kienux lesti li jħalsu.

Ġiet sospiża l-Laqgħa għal ftit minuti sabiex ikun jista' jitkellem is-Sur Andrew Ċiantar li kien preżenti fost il-pubbliku. Is-Sur Ċiantar qal li huwa kien baqa' jqassam id-*drinks* wara li telqu il-bandisti u ż-żeffiena fuq struzjonijiet tal-ex-Kunsillier Mario Camilleri li kien preżenti fil-każin anke wara li kienet telqet l-ex-Sindku Galea. Huwa qal li fil-każin kienu daħlu kwantita' ta' nies għaliex barra kienet nieżla x-xita.Waqt din is-sospensjoni tkellem ukoll l-ex-Kunsillier Mario Camilleri bil-kundizjoni li ma jiġix irrekordjat.

X'ħin tkompliet il-Laqgħa, l-ex-Sindku u Kunsillier, il-Perit Graziella Galea, qalet li hija fl-imkien mas-Segretarju Eżekuttiv (li kien preżenti u daħal biss fil-Każin biex jiġbor l-apparat tas-*sound* għax barra kienet ix-xita) kienu telqu fl-4.00p.m. għaliex kellhom okkażżjoni oħra d-Dolmen Hotel u kienet

talbet lis-Sur Ċiantar biex jiġbor il-kont qabel telqet. Dak il-ħin kienu telqu wkoll kemm il-bandisti kif ukoll ż-żeffiena. Hija qalet li s-Sur Ċiantar kien gideb fuqha meta fil-Laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv huwa kien allega li hija kienet qattet u rmiet fid-*dustbin* ittra rreġistrata li huwa kien bagħat lill-Kunsill. Hawn is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li s-Sur Ċiantar kien allega dan u dan irriżulta li ma kienx veru għaliex huwa kien talab lill-iskrivani tal-Kunsill u dawn ipproduċew din l-ittra mill-*files* tal-Kunsill fi stat sħiħ u mhux imqatta. Din kien uriha lis-Sur Ċiantar waqt dik il-Laqgħa stess. Il-Perit Graziella Galea qalet li hija ma kienitx lesta terfa r-responsabilita' li jitħallas il-kont kollu.

**3.02 Point of Order.** F'dan l-istadju l-Kunsillier Peter Abela qajjem *Point of Order* għaliex qal li fuq il-mejda kien hemm *personal recorder* u talab jekk dan kienx permess mil-liġi. Irriżulta li r-*recorder* imsemmi kien tal-Kunsillier Carmel Hili.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega x'kienet tgħid il-liġi tal-Kunsilli Lokali dwar irrekordjar tal-laqgħat b'mezzi elettroniċi.

Is-Sindku s-Sur Mario Salerno qal li kien ser jagħti *ruling* hu dwar jekk setax issir irrekordjar tal-proċeduri tal-laqgħa. Il-Perit Graziella Galea qalet li kien hemm il-liġi li kienet suprema u jekk għandu jingħata *ruling* dan kellu jigi mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsillier Peter Abela qal li huwa kien qed iżomm id-dritt tad-*data protection.*

Hawn, is-Sur Mario Camilleri, mill-pubbliku, qam jipprotesta għaliex huwa kien ġie assigurat li ma kienx qed jiġi rrekordjat meta tkellem hu waqt is-sospensjoni tal-laqgħa.

Is-Sur Abela talab li r-*recorder* jiġi ssiġillat. Is-Sindku qal li huwa personalment kien ser jieħu l-kustodja tar-*recorder.*

**3.03 Point of Order.** Is-Sur Ray Bartolo, ċ-Ċerpersin Kumitat Amministrattiv Burmarrad, talab *point of order* għaliex il-Kunsillier Carmel Hili kien instema' jgħid li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad kienu jinkitbu "bi stil ta' mafia' u għalhekk talab li din l-allegazjoni għandha tiġi rtirata mis-Sur Hili għaliex din mhux biss kienet gidba iżda wkoll allegazjoni li huwa u s-Segretarju Eżekuttiv kienu "mafia".

Is-Segretarju Eżekuttiv talab li dan il-kliem jiġi rtirat għaliex kien huwa li jikteb il-minuti tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u jekk s-Sur Hili ma kienx ser jirtira dan il-kliem huwa kien ser jitlaq mill-Laqgħa u jieħu passi kontra s-Sur Hili.

Is-Sindku qal li huwa kien ser ikun kostrett jitlob direzzjoni mid-Dipartiment dwar dan it-telf ta' ħin.

Il-Kunsillier l-Avukat Robert Piscopo qal li talba ta' *Point of Order* ma kienx telf ta' ħin u laqgħa għandha dejjem tieqaf u tiddiskuti l-kontenut tal-*Point of Order* jekk dan jitqajjem waqt laqgħa.

Is-Sur Hili qal li huwa ma kienx qed jirreferi 'mafia' għas-Segretarju Eżekuttiv izda kien qal biss 'stil ta' mafia'. Fuq insistenza tas-Sindku, is-Sur Hili irtira l-kelma 'mafia'. Dan sar wara li s-Sur Ray Bartolo baqa' jinsisti li l-Kunsillier Hili jirtira din il-gidba.

**4.00 Materji Finanzjarji.**

4.01 Rendikont ta' Dħul ta' Fondi. – Ġiet approvata unanimament lista ta' dħul ta' fondi kif ippreżentata.

4.02 Lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol – Ġiet approvata unanimament lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol kif ippreżentata.

4.03 Rendikont ta' Pagamenti - Is-Sindku qal li dan l-*item* għandu jitħalla għal darb'oħra u talab li l-Kunsilliera kollha jistudjaw il-pagamenti relatati mad-dekasteri tagħhom qabel dawn jiġu approvati.

**5.00 Stqarrija tas-Sindku.**

5.01 Is-Sindku, s-Sur Mario Salerno, qara stqarrija. Din hija annessa ma' dawn il-minuti.

5.02 Waqt l-istqarrija tas-Sindku, s-Sur Ray Bartolo talab *Point of Order* għaliex qal li Euro 75,000 mill-fondi tal-UIF tal-MEPA mis-somma ta' Euro 125,000 msemmija fl-istqarrija tas-Sindku kien jappartjenu lill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

5.03 Il-Kunsillier Peter Abela talab *Point of Order* għaliex qal li fil-każ tal-Latrina ta' Bugibba l-Kunsill preċedenti kien talab lura din il-Latrina mingħand il-*Lands Department* iżda kien hemm każ il-Qorti dwar din il-Latrina. Is-Sindku rrisponda li l-minuti ma kienux juru li kienet saret xi talba.

5.04 Il-Kunsillier Peter Abela talab *Point of Order* għaliex qal li ma kienx jirriżulta li l-Kunsill kellu ilmenti dwar il-knis tat-toroq. Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li kien hemm hafna minn dawn l-ilmenti. Is-Sindku qal li kien sar progress iżda mhux biżżejjed.

**6.00 Evalwazjoni u Ordnijiet ta' Xogħlijiet ġodda.**

6.01 Dwar il-*Bollard* ta' Triq Sant Antnin, il-Kunsillier il-Perit Graziella Galea qalet li jekk il-*bollard* ma ssirx kif kienet jiġifieri awkomatika u bir-*remote control* kien ser jirriżulta tbatija u nkonvenjent kbir għar-residenti ta' dik il-parti tat-triq.

Ġie deċiż unanimament li din il-*bollard* terġa' ssir awtomatika kif kienet qabel, u jsir katnazz fuq il-*bollard* manwali tan-naħa l-oħra tat-triq. Filwaqt li jiġi studjat jekk hux possibli ssir ukoll kamera CCTV.

Il-Kunsillier Peter Abela qal li kien hemm bżonn ta' aktar *enforcement* f'dawk l-inħawi minħabba pparkjar ta' vetturi b'mod illegali.

**7.00 Impjegati ġodda għall-Kunsill – It-tieni lista ta' applikanti mill-ETC.**

7.01 Is-Sindku informa li mill-intervisti li saru ma kienx hemm applikanti li jikkwalifikaw għall-impjieg ta' skrivani mall-Kunsill u għalhekk ġie deċiż, li tintalab it-tieni lista ta' applikanti mill-ETC skont il-liġi.

**8.00 Proposta ta' Parkeġġ Ġdid ħdejn l-HSBC ta' San Pawl il-Baħar.**

8.01 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda pjanti ta' proposta għal parkeġġ ġdid fuq art tal-Gvern u tal-privat (Ballut Brothers) fuq bażi ta' *Public Private Partnership*. Il-propjetarji privati kienu qed jofru li jagħtu żewġ sulari ta' parkeġġ taħt il-livell tal-art jekk issir permuta ta' parti mill-art bejn il-Gvern u dawn is-sidien. Bis-saħħa ta' din il-permuta kien jinħoloq aċċess minn Triq San Ġorġ għall-art tal-Gvern li fil-preżent kienet imblukkata mill-art ta' dawn is-sidien privati. Is-Sindku spjega fid-dettall din il-proposta ta' parkeġġ li kienet ġiet proposta minn u ħadem fuqha s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sidien tal-propjeta' privata u anke ma' persuna oħra fil-kummerċ f'dawn l-inħawi li kien is-Sur Stephen Cremona tal-Gillieru Hotel.

Is-Sindku qal li dan kien proġett utli ħafna u b'potenzjal ta' aktar spazju għall-parkeġġ fuq din l-art li tasal sa taħt il-ByPass u li minnha hemm propost li jgħaddu żewg toroq oħra. Din tista' tkun is-

soluzjoni tal-parkeġġ f'San Pawl il-Baħar. Huwa kien ser jagħmel il-kuntatti meħtieġa mal-Gvern Centrali sabiex dan il-proġett iseħħ.

**9.00 Aġġornamenti u affarijiet Oħra.**

9.01 Ġiet approvat it- talba tal-Kunsilliera Mandy Buhagiar li s-Sur Manwel Portelli jingħata permess jorganizza kunċert ta' tliet ijiem fi Triq it-Trunċiera. Dħul kien ser ikun b'xejn u l-Kunsill jipprovdi *wardens* u pulizija għaż-żamma tal-ordni pubblika. Il-Kunsillier Raymond Tabone għandu jieħu ħsieb il-loġistika tat-traffiku.

9.02 Is-Sindku, l-Kunsilliera, s-Sur Ray Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv taw l-awgurju tagħhom lill-Kunsillier il-Perit Daniel Grima li kien għadu kif iżżewweġ.

9.03 Il-Kunsilliera Anne Marie Fenech talbet li tiġi studjata l-possibilita' ta' monti f'Bugibba. Dan kien iżid il-kummerċ u jkun utli wkoll għar-residenti.

9.04 Il-Kunsilliera Jane Chircop infurmat lill-Kunsill li kienet saret applikazjoni tal-Youth In Action, proġett tal-U.E. Hija qalet ukoll li saret ħarġa għall-anzjani fl-okkażjoni tal-Mothers Day u dawn ingħataw ukoll rigal żgħir. Hija kienet attendiet courses tal-ESF tal-U.E. – Train the Trainers, dwar kif isiru applikazjonijiet għall-proġetti tal-U.E. Hija talbet ukoll li jsir kontroll fuq vetturi li jiġbru ż-żibel domestiku sabiex dawn ma jkunux joqtru u anke li kien hemm bżonn ta' aktar sanita' għaliex kien hemm każi ta' ġrieden u wurdien fit-toroq.

9.05 Il-Kunsilliera, il-Perit Graziella Galea, talbet li ssir bozza ġdida u hija għandha tgħaddi l-informazjoni lill-amministrazjoni dwar il-post fejn din għandha titwaħħal. Hija qalet li dwar il-proposta tal-bini mill-ġdid tal-Kjosk ta' Tanti ħdejn il-moll ta' Bugibba, għandu jiġi nvolut ukoll il-Perit tal-Kunsill għaliex kien hemm *encroachment* fuq art pubblika. Il-kunsill iddeċiedi li dwar dan il-kjosk il-Kunsill ma kellux oġġezzjoni iżda dan mingħajr preġudizju. Hija nfurmat ukoll li t-Tenders tal-miżura 313 issa kienu nħarġu.

9.06 Sar qbil unanimu u ġie deċiż li ssir talba lid-Dipaartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex l-impjegati Sandra Grech u Josette Vella jsiru *deputies* tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu xogħol ta' Segretarju Eżekuttiv f'każ li s-Segretarju Eżekuttiv ikun għal xi raġuni assenti.

9,07 Il-Kunsilliera Graziella Galea qalet li sabiex tinħareġ sejħa għall-Uffiċjal tal-U.E Desk fil-Kunsill fi skala 7 kien hemm bżonn l-approvazjoni tad-Dipartiment.

9.08 Inħatar bord tal-*interviews* għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Il-membri huma: Is-Sindku, Il-Perit Graziella Galea, u Raymond Tabone. Is-Segretarju tal-bord għandu jiġi maħtur mid-Dipartiment tal-kunsilli Lokali.

9.09 Ġiet approvata t-talba tal-Viċi-Sindku, is-Sur Alex Bezzina, sabiex il-Kunsill jipprovdi u jħallas għat-trasport tal-istudenti ta' Skola Sajf, bl-ewwel preferenza tingħata lir-residenti permanenti tal-lokalita'. Il-Viċi-Sindku talab u ġiet approvata proposta' ta' diversi attivitajiet mill- AĊĊESS fl-iskola għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru iżda ma ġiex aċċettat l-użu ta' mobile toilets, iżda l-Kunsill kien lest iħallas għal *toilet attendant* u jintużaw it-*toilets* tal-iskola.

9.10 Il-Kunsilliera Jane Chircop talbet li jitpoġġa *bin* ieħor fl-Imbordin. Hija kellha tara fejn dan jista' jitpoġġa.

9.11 Il-Kunsillier Carmel Hili talab u ġie approvat li l-Kunsillier Ray Tabone jara li jitneħħew in-*No-Entry Signs* ta' ħdejn is-Sirens Pool sabiex il-post jintuża għall-parkeġġ ta' vetturi.

9.12 Is-Sur Ray Bartolo qal li xtaq jiġi nnotat li ma kienx hemm *Agenda Item* għall-aġġornament fuq il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u dan għandu jkun f'kull Laqgħa tal-Kunsill. Huwa qal li jrid

jagħmilha ċara li huwa ma kienx kontra li ssir l-attivita' Warda Fest fil-Wardija, iżda din kellha tkun approvata mill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad. Hawa talab li jingħata kopja tar-*recording* tal-Laqgħa. Is-sur Carmel Hili wieġeb li kien ser jara li dan isir.

**10.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

10.01 Il-Laqgħa spiċċat fid-8.48 ta' filgħaxija u aġġornat għal ħmistax oħra.

*Mario Salerno*
*Sindku*

*John J. Camilleri*
*Segretatju Eżekuttiv.*

14 ta' Gunju 2012

Ref: 55 / 5724 / 12 / OCZ